# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa u ħamsin (54) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2016 fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATA: | Anita Farrugia | Kunsillier |

1. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, Charlene Zammit li qalet it-talba.

2. Is-SE qara l-minuti tas-seduta numru tlieta u ħamsin u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri u kienu approvati u ffirmati.

3. Dwar il-każ ta' *U-bars* fi Triq il-Parroċċa faċċata tal-bini amministrattiv, intqal illi l-każ mhux dwar xi parkeġġ privat, iżda fuq parkeġġ pubbliku. Charlene Zammit qalet illi l-vetturi bil-qsari impoġġija fit-triq qed jibqgħu 'il barra. Hija qalet illi xi ħadd apparentement prova jaqla' l-bollard u weħlet hija li rrappurtat. Charlene Zammit qalet illi aħna lesti li naqilgħu il-bollards imbasta dawn ir-residenti jkunu lesti minn naħa tagħhom ineħħu l-pjanti. Paul Spiteri qal illi hu waqaf jitkellem mal-familja Xuereb qabel ma daħal għal din il-laqgħa u se jinfurmahom bil-proposta tagħna.

4. Dwar l-applikażżjoni li għamel il-KLM sabiex jinqatgħu it-trakkijiet mill-parti urbana fejn tidjieq it-triq fi Triq Valletta, is-SE se jsegwi t-talba li saret lil Transport Malta.

5. Grace Marie Mallia qalet illi kien fadal €74 mir-*raffle* li kien organizzata fil-*Buffet Breakfast* li nżamm nhar it-2 ta' Frar 2016 u li dawn se jingħataw lill-*Community Chest Fund*. Hija qalet li l-attivita' kient suċċess u għaliha attendew tnejn u ħamsin persuna.

6. Grace Marie Mallia qalet illi hija kienet infurmata li qed jintefa' ħafna skart li jikkonsisti f'lastiku fi Triq Valletta fi plot li hija diversi sulari 'l isfel mit-triq. Dan kien irrappurtat lill-awtoritajiet mill-KLM.

7. Grace Marie Mallia qalet illi hemm żewg bozoz maqtugħin f'Misrah il-Missjoni ż-Żghira li għad iridu jiġu rrappurtati bil-ħsara. F'dan is-sit instabet il-ħsara li sehhet fuq *underground cable* li kawza tagħha inqata' l-kurrent kollu tal-ġnien. Din il-ħsara saret waqt il-ħrit tal-ġnien waqt xogħol ta' gardinaġġ.

8. Charlene Zammit qalet illi kellna l-laqgħa mal-Ministru tat-Trasport fejn semmejna diversi problemi. Fil-laqgħa li kienet organizzata speċifikament għal Kunsilli Lokali li bdew jesperjenzaw it-tibdil riċentement fuq rotot ġodda tat-trasport pubbliku, is-SE qajjem il-punt

imressaq minn Grace Marie Mallia għaliex l-Imqabba għandna dawk bir-rotot 218 u l-117 li qed jibdew it-tnejn mill-venda tal-Imqabba u li qed idumu ma jaslu fid-destinazzjoni tagħhom. Il-proposta kienet li waħda minnhom titlaq minn xi lokalita' oħra. Ir-risposta li tawna kienet illi dawn huma ugwali għal dik li kellha n-numru 350.

9. Paul Spiteri ssuġġerixxa illi it-218 u l-117 jistgħu joqgħodu jistennew fi Triq il-Madonna tal-Ġilju aktar 'il fuq mill-*ground* tal-futbol, jew inkella quddiem iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop. Grace Marie Mallia ipproponiet li dawn jibqgħu jistennew fil-*by-pass*. Charlene Zammit ipproponiet li dawn jibdew jistennew fil-parkeġġ fejn il-bandli u l-KLM ikun lest li jagħmlilhom żewg kaxxi riżervati għalihom. Dan minkejja illi l-KLM kien qed jinsisti illi ma tgħaddi l-ebda karozza tal-linja biswit il-ġnien li fih il-logħob tat-tfal (bandli). Fuq dan il-punt kien hemm qbil, u s-suġġeriment se jintbgħat lil Transport Malta fil-jiem li ġejjin. Dan għaliex bl-istennija tax-xarabank fi Triq Karmenu Ciantar qed ikun hemm ħafna kaos x'ħin jiltaqgħu il-karozza li qed tkun ipparkjata ma dik li tiġi biex tgħabbi n-nies. Dan qed jagħmilha wkoll diffiċli għal min ikun qed jistenna biex jirkeb tal-linja. Intant in-notifiki twaħħlu kollha mill-ħaddiema ta' *Transport Malta* mal-*bus stops* biex wieħed ikun jaf l-iskeda tat-trasport pubbliku.

10. Paul Spiteri talab li jkun skużat 19.50pm u fl-istess waqt daħal Michel Farrugia. It-talba intlaqgħet.

11. Dwar il-każ Schembri Barbros vs Kunsill Lokali tal-Imqabba, Charlene Zammit qalet illi hija appuntat lill-avukat tal-KLM li hu Dr Byron Camilleri u dal-waqt se nidhru quddiem l-arbitru. Intant se naraw kif se tiżvolgi l-kawża. Hija qalet illi l-ewwel problema kienet li din il-kwistjoni hija dwar xogħol tal-Go plc u mhux tal-KLM. Dan ġara fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti fejn illum il-ġurnata hemm l-istatwa ta' Santa Marija.

12. Il-KLM iddeċieda illi minħabba li kemm il-kuntrattur kif ukoll il-perit m'humiex jaċċettaw li sar xogħol ħażin u fil-fatt hemm il-qagħda tal-ilma propju quddiem il-ħanut tax-xagħar fi Triq Santa Katerina, il-KLM għandu jipproċedi billi jibgħat ittra uffiċjali biex dan ix-xogħol rimedjali jagħmluh mingħajr dewmien.

13. Il-KLM iddeċieda illi jappunta bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ lil Nicolai Farrugia. Charlene Zammit qalet illi dan ġieli involva ruħu fil-kunsill f'wirjiet li jorganizza minn żmien għal żmien billi jesebixxi xi xogħolijiet tal-arkett. Il-KLM se jinforma lill-ambaxxatur il-ġdid illi jekk ma jattendix għal-laqgħat tal-KLM għal erba' laqgħat konsekuttivi, jkollu jikkunsidra lil xi ħaddiehor.

14. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jinvestiga għal min hija riservata id-*disabled parking bay* fi Triq Valletta, viċin Triq San Bazilju.

15. Grace Marie Mallia staqsiet għaliex saru l-*yellow lines* fil-kantuniera fi Sqaq Ħal Qormi, peress li qed jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet min ikun ipparkjat hemmhekk.

16. Kien iċċarat il-fatt illi id-*disabled parking bay* kienet approvata fi Triq il-Ħarriġiet u mhux Triq il-Barrieri. Bi żvista il-ħaddiema tagħna ma kienux identifikaw il-post minn fuq ir-ritratt.

17. Għal proposta ta' *speed cameras* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Charlene Zammit qalet illi l-Onor Ministru Joe Mizzi mhux tal-idea li dawn isiru. Dan ħareg ċar anke għall-proposta ta' *pellican crossing* oħra għal din it-triq arterjali.

18. Wara li ġie l-Perit William Lewis, fejn ittieħed fuq diversi postijiet, intqal illi flok *DNO* mal-MEPA kellu jinfetaħ permess tat-*trenching* biex issir bankina aktar wiesgħa fi Triq Valletta viċin Triq San Bazilju. Intant is-SE fetaħ każ ieħor biex jinbidel il-wiċċ tal-bankina eżistenti fi Triq Karmenu Ciantar fejn hemm il-*garages* tas-Sur Facciol. Dwar kanal għall-ilma tax-xita fi Triq San Mikiel, il-Perit qal li jista' jkun li m'hemmx fejn joqgħod minħabba s-servizzi l-oħra li hemm diġa' mgħoddijin minn taħt wiċċ it-triq, pero' hu tkellem dwar il-possibilita' li jitħaffru toqob fi Triq San Bażilju biex l-ilma tat-triq jinqabad fihom qabel ma jinżel fi Triq San Mikiel. Charlene Zammit qablet mal-proposta u talbet li ssir laqgħa mal-awtoritajiet konċernati biex jiġi diskuss dan il-punt.

19. Il-KLM se jixtri *dustbin* ieħor għal Pjazza tal-Knisja propju quddiem il-Każin ta' Santa Marija wara rapporti li daħlulu illi dak eżistenti m'għandux *liner* u l-fatt li ma sibniex nixtruhulu.

20. Ir-rapporti finanzjarji kienu approvati inkluż l-*Unaudited Financial Statements 2015* ippreparati mill-Accountant tal-KLM.

21. Peress li nqbadna bil-ħin ma nistgħux nistennew li l-materjal kollu tal-fuljett ipprovdut mil-kunsillieri ikun approvat fil-laqgħa li jmiss tal-KLM ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2016. Minkejja dan is-Sindku saħqet li l-messaġġi tal-kunsillieri jkunu għandna sal-ġimgħa d-dieħla.

22. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 511 u fil-każ tal-ammonti pendenti tal-Perit Anthony Bezzina, hekk kif ikun konfermat mill-Accountant (iqabbel l-invoices) illi hemm l-ammont pendenti li jidher fuq iċ-ċedola, jiġi magħmul iċ-ċekk.

23. Se nġibu stima sabiex jinxtraw 40 siġġu għall-Isptar il-Qadim biex il-KLM jevita illi kull darba joqgħod jikri l-istess siġġijiet, kif se jagħmel għal-laqgħa pubblika.

24. Dwar ir-rampi proposti mill-KLM għall-iskema tal-Accessibility +, is-Sindku qalet illi m'hemmx tama li se nikkwalifikaw bhala KLM (fuq il-proġett tal-latrina pubblika). Madankollu bħala Reġjun tan-Nofs-in-nhar, jidhru li intlaqgħu tajjeb ir-rampa proposta għall-kappella tad-Duluri. Dwar il-proposta sabiex iċ-ċimiterju jkun aċċessibbli, il-Perit William Lewis irrimarka illi inutli wieħed ikollu biex jitla' iz-zuntier meta se jiltaqa' ma dizlivell kbir fiċ-ċimiterju nnifsu. Charlane Zammit intant tkellmet mal-kappillan biex taraġ minnhom jiġi konvertit f'rampa, minkejja li l-perit issuġġerixxa lift. Intant se ngħidu lil Perit sabiex jiddiżinja r-rampi proposti.

25. Grace Marie Mallia qalet illi waqt xi funeral li qed ikun hawn minn żmien għal żmien, qed jinħoloq ostakolu l-venditur tal-ħaxix li qed ikun ipparkjat bejn iz-zuntier li minnu joħrog it-tebut, u l-karozzi tal-funeral (hearse). Dwar dan is-SE qal li propju fejn qed jarma tal-ħaxix hemm diġa' *lines* sofor biex ħadd ma jipparkja hemmhekk u se ninvolvu lill-pulizija.

26. Is-SE kien mitlub jibgħat kopja tal-minuti tal-laqgħa pubblika 2015 lill-kunsillieri. Hu qal li dawn ilhom sena fuq is-sit elettroniku mal-minuti l-oħra.

27. Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 14 ta' Marzu, 2016 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku